MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 581/2004

**Anthony Rizzo**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi prevja dikjarazzjoni illi permezz tal-kliem "Kaz, xi ftit jew wisq … thalla ghal kollox ghal dixxiplina interna" li dehru fl-artikolu intitolat" … Fil-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma", ppubblikat f'pagna sebgha tal-gazzetta "Kulhadd" tas-17 ta' Ottubru tas-sena 2004, (kopja hawn annessa u mmarkata bhala dok.A), li taghha l-konvenut hu editur, ikkommetta ingurja ta' l-isem u

malafama lill-attur, ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-qorti f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000.00,0), a tenur ta' l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jidher in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal datat it-28 ta' Gunju tas-sena 2005 li permezz tieghu r-rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li intlahqet transazzjoni finali bejn il-partijiet rigward il-meritu tal-kaz bl-esklusjoni tal-kap ta' l-ispejjez;

Illi in vista tal-premess filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu involut, tikkundanna lill-konvenut Felix Agius biex ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------